# IL-KONTROLL U L-INFURZAR FIL-QASAM TAS-SAJD

Il-kontroll u l-infurzar fil-qasam tas-sajd għandhom il-għan li jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regolamenti dwar is-sajd u li, fejn meħtieġ, jimponu l-osservanza ta' dawn ir-regoli. F'dan ir-rigward, il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet huma maqsuma bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-operaturi. L-Istati Membri li ma josservawx dawn ir-regoli jistgħu jittieħdu kontrihom proċedimenti ta' ksur.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 38 sa 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. Ir-regolament ġie emendat parzjalment bir-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd u bir-Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 rigward l-obbligu tal-iżbark.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, emendat parzjalment bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1962 tat-28 ta' Ottubru 2015.

Ir-Regolament (UE) 2016/1626 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd

## L-OBJETTIVI

Il-politika ta' kontroll għandha l-għan li tiżgura:

- li jinqabdu biss il-kwantitajiet awtorizzati ta' ħut, u li tinġabar id-data għall-ġestjoni tas-sajd;
- li r-rwoli rispettivi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni jitwettqu f'waqthom;
- li r-regoli jiġu applikati għas-sajd kollu, b'sanzjonijiet armonizzati fl-UE kollha;

— it-traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista kollha kemm hi, "mix-xibka sa ġol-platt".

L-adozzjoni ta' dawn il-miżuri taqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni, filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri u għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet f'każijiet ta' kontravvenzjonijiet fiż-żoni ġeografiċi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

## IL-KISBIET

Is-sistema kurrenti ġiet stabbilita fir-Regolament ta' Kontroll li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, u li mmodernizza l-approċċ tal-UE lejn il-kontroll tas-sajd minn fuq s'isfel. B'mod partikolari, ġab is-sistema konformi mal-miżuri rigorużi li l-UE adottat fl-2008 biex tiġġieled lis-sajd illegali. Ir-riformi suċċessivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) (mir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 sar-Regolament (UE) Nru 1380/2013) ukoll ġabu bidliet ġodda li għandhom il-għan li jegħlbu n-nuqqasijiet li ilhom jeżistu. Matul iż-żminijiet, il-miżuri inkludew:

**a.** Aktar kooperazzjoni fl-infurzar u l-ħolqien ta' Struttura ta' Spezzjoni Konġunta (JIS), li tinkoraġġixxi l-akkomunament ta' riżorsi ta' spezzjoni u monitoraġġ tal-UE u ta' dawk nazzjonali permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA, ara isfel).

**b.** Kjarifika progressiva tal-kompetenzi tal-atturi fis-settur tas-sajd:

— L-Istati Membri huma responsabbli għall-implementazzjoni tar-regoli tal-PKS fit-territorji tagħhom u fl-ilmijiet tagħhom, kif ukoll għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li joperaw 'il barra minn dawn l-ilmijiet.

— Il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw l-obbligi tagħhom ukoll f'dak li jirrigwarda l-ekwità u l-effikaċja. Regolarment tħejji rapport ta' valutazzjoni, li jrid jitressaq lill-Parlament u lill-Kunsill, dwar l-azzjoni tagħha rigward l-applikazzjoni tar-regoli tal-PKS mill-Istati Membri;

— L-operaturi involuti fl-attivitajiet kollha tas-sajd, mill-qbid sal-kummerċjalizzazzjoni, it-trasport u l-ipproċessar, jeħtiġilhom josservaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali f'kull stadju tal-produzzjoni.

**c.** Osservanza aħjar u applikazzjoni armonizzata tar-regoli:

Billi s-sanzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri tbiegħdu minn xulxin, sitwazzjoni li poġġiet limitazzjoni fuq l-ilħuq uniformi ta' livell komuni ta' konformità, il-Kummissjoni tikkompila Tabella ta' Konformità tal-PKS biex ittejjeb l-osservanza billi tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom ta' kontroll u infurzar.

Ħarġet lista ta' kontravvenzjonijiet serji bħala bażi għal sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali: mill-2012 'il hawn, l-Istati Membri ġew mitluba jintroduċu sistema ta' punti għall-kontravvenzjonijiet serji għall-liċenzji marbuta ma' bastimenti speċifiċi, li trid tiġi estiża sal-kaptani tal-bastimenti.

**d.** Il-kontrolli issa jsiru f'kull stadju tal-katina:

Il-bastimenti tas-sajd ma jistgħux iħallu l-port mingħajr liċenzja tas-sajd. Għal kull konsenja ta' ħut, trid tingħata informazzjoni li tagħti prova li l-ħut ikun inqabad b'mod

legali. Din is-sistema tapplika għall-attivitajiet tas-sajd kollha fl-ilmijiet tal-UE, u għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE u għaċ-ċittadini kollha tal-UE, kulfejn jistadu. Tapplika wkoll għas-sajd rikreattiv ta' stokkijiet ta' ħut sensittivi u tal-akkwakultura, sakemm dawn ikunu koperti minn regoli fil-livell tal-UE — pereżempju, għas-sajd tas-sallur jew għal ċertu sajd rikreattiv għat-tonn.

**e.** Teknoloġiji moderni applikati għall-monitoraġġ u l-kontroll bdew jiġu integrati progressivament mal-ispezzjonijiet tradizzjonali.

Dawn issa jinkludu s-sistema ta' rappurtar elettroniku (ERS jew "e-logbook") li tintyuża biex tirreġistra l-qabdiet, l-iżbarki, il-bejgħ, eċċ., u biex tali data tiġi rrappurtata fi ħdan l-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom il-mandat li jiskambjaw id-data dwar l-operazzjonijiet tas-sajd (il-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd, id-dikjarazzjoni ta' trasbord, id-dikjarazzjoni ta' żbark, eċċ.). B'mod partikolari, meta bastiment ta' Stat Membru jwettaq operazzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor, l-istat tal-bandiera jeħtieġlu, fuq talba, jibgħat id-data mandatarja lil dan tal-aħħar. Din l-informazzjoni trid tiġi rreġistrata, maħżuna b'mod sikur u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-format tal-iskambju tad-data u tat-trażmissjoni huwa bbażat fuq l-istandard P1000 taċ-Ċentru tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ u għan-Negozju Elettroniku (UN/CEFACT).

Is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) hi sistema bbażata fuq is-satellita li f'intervalli regolari tagħti data dwar il-pożizzjoni, ir-rotta u l-veloċità tal-bastimenti (iż-żewġ sistemi issa huma obbligatorji għall-bastimenti ta' aktar minn 12-il metru tul). Il-bastimenti li mhumiex tal-UE li huma tal-istess daqs huma obbligati li jkollhom installat abbord tagħmir għal-lokalizzazzjoni permezz tas-satellita kull darba li jkunu fl-ilmijiet tal-UE. Is-Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni (AIS) hi sistema awtonoma u kontinwa ta' identifikazzjoni u monitoraġġ tal-bastimenti użata għas-sikurezza u s-sigurtà marittima, li ġiet estiża gradwalment għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE ta' aktar minn 15-il metru tul.

## L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-KONTROLL TAS-SAJD

Din l-Aġenzija ġiet stabbilita fl-2005 bħala element ewlieni biex tittejjeb l-osservanza tar-regoli tal-PKS. Tejbet l-infurzar uniformi u effikaċi billi ġabret flimkien il-mezzi tal-UE u dawk nazzjonali fil-kontroll, l-ispezzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u l-koordinament tagħhom (permezz ta' Pjanijiet Konġunti ta' Skjerament (Joint Deployment Plans - JDPs) bħala l-istrument ewlieni tagħha). L-Aġenzija tikkontrolla l-bastimenti fil-mira ta' aktar minn 12-il metru tul[1]. Din il-kooperazzjoni operattiva, bħala l-kompitu ewlieni tal-Aġenzija, għenet biex in-nuqqasijiet fl-infurzar li rriżultaw mid-disparitajiet fil-mezzi u l-prijoritajiet tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri jiġu indirizzati b'mod determinat.

Bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Aġenzija ngħatat setgħat ġodda biex isaħħu l-effikaċja tagħha. L-operazzjonijiet tagħha huma ffinanzjati minn tliet

[1]ĠU L 343, 22.12.2009, p. 9.

għejun: il-baġit tal-UE, il-ħlasijiet għas-servizzi mogħtija lill-Istati Membri u d-dħul mill-pubblikazzjonijiet, it-taħriġ u servizzi oħra li tagħti.

Fiit-tħejjija għall-varar tal-PKS riformata fl-2014, l-EFCA kkonċentrat fuq żviluppi ġodda għat-tisħiħ ta' kultura ta' osservanza u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-settur tas-sajd kollu. Għodod partikolari li se jippermettu spinta ġdida lejn dan l-objettiv jinkludu:

— Pjanijiet Konġunti ta' Skjerament (JDPs) reġjonali: il-mezz li permezz tiegħu l-Aġenzija torganizza l-użu tal-mezzi ta' kontroll u spezzjoni umani u materjali nazzjonali miġbura flimkien mill-Istati Membri. Il-JDPs jippromwovu l-użu kosteffikaċi tar-riżorsi umani u materjali tal-Istati Membri b'mod koordinat, u l-Aġenzija bdiet testendi l-JDPs biex jinkludu pjanijiet ta' skjerament konġunti reġjonali u li jirrigwardaw is-sajd imħallat (NEAFC, NAFO u speċijiet pelaġiċi fl-ilmijiet tal-Punent). Fil-futur qrib ħafna, l-EFCA tipprevedi estensjoni tas-sajd reġjonali, imħallat u permanenti.

— Strateġiji ta' kontroll tal-projbizzjoni fuq ir-rimi: dawn iridu jiġu implimentati preferibbilment permezz tal-JDPs reġjonali, li jippermettu li deċiżjonijiet strateġiċi jittieħdu fil-livell tal-grupp ta' tmexxija, li bis-saħħa tagħhom l-EFCA se tgħin biex jiġu mmonitorjati b'mod effikaċi. Skont il-karatteristiċi tas-sajd ikkonċernat, se jiġu applikati metodi differenti u se jintużaw u jiġu ttestjati l-għodod disponibbli. Dan hu essenzjali bħala akkumpanjament tal-PKS il-ġdida.

— Gruppi ta' fokus għall-valutazzjoni tal-kosteffettività u l-konformità: it-twaqqif ta' żewġ gruppi ta' fokus biex jivvalutaw l-osservanza u l-kosteffettività fl-operazzjonijiet ta' kontroll

— Kurrikulu ċentrali: kurrikulu ċentrali għat-taħriġ tal-ispettorati tas-sajd tal-Istati Membri għall-ewwel darba se jikkontribwixxi għall-PKS u japplikaha b'mod uniformi.

— Sistemi tal-ICT tal-EFCA: imfassla biex jikkumplementaw is-sistemi nazzjonali individwali. Dawn huma sistemi uniċi żviluppati mill-Aġenzija u mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri biex tappoġġja l-kontroll tal-PKS fil-livell tal-UE. Dawn l-għodod elettroniċi jippermettu l-iskambju kontinwu ta' data u intelligence f'ħin reali, u b'hekk jillimitaw il-possibbiltajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u jgħinu fit-trażżin ta' mġiba li ma tirrispettax ir-regoli.

Minn Ottubru 2016 'il hawn, skont ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-missjoni tal-EFCA tinkludi wkoll il-kooperazzjoni mal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, kull waħda fi ħdan il-mandat tagħha, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta[2]. Dan l-arranġament ta' kooperazzjoni jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali fil-għoti ta' servizzi ta' tagħrif, sorveljanza u taħriġ, u fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet b'diversi għanijiet fil-qasam tas-sorveljanza marittima.

---

[2]Il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta jistgħu jinkludu: is-sikurezza marittima, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ, il-kontroll tal-fruntieri, il-kontroll tas-sajd, l-infurzar ġenerali tal-liġi u l-protezzjoni ambjentali.

Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, min-naħa tagħha, għandha l-għan li tiżgura, fost id-dmirijiet l-oħra tagħha, il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-kontroll tas-sajd, is-sejbien ta' tniġġis u l-konformità tar-regolamenti marittimi.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima tipprovdi Servizzi Marittimi Integrati, ibbażati fuq sistemi ta' rappurtar tal-vapuri (eż. VMS - sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti abbażi tas-satellita ) u għodod ta' sorveljanza oħra, lill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-EFCA. Dawn is-servizzi ta' informazzjoni jinkludu s-sejbien, l-identifikazzjoni u t-traċċar tal-bastimenti, is-sorveljanza tal-punti ta' tluq u l-individwazzjoni ta' anomaliji, li jiffaċilitaw ukoll l-identifikazzjoni ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

Pass importanti lejn l-indirizzar tas-sajd IUU kien ittieħdet f'Ġunju 2016 bid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port (PSM), li kien iggwidat mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-FAO) sa mill-2009 u ffirmat minn aktar minn 30 pajjiż, inkluża l-Unjoni Ewropea f'isem it-28 Stat Membru tagħha. It-Trattat dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port huwa l-ewwel trattat internazzjonali vinkolanti li qatt kien hawn li jiffoka speċifikament fuq is-sajd illegali, li jistabbilixxi rekwiżiti u interventi imwettqa mill-Istati tal-Port, li bastiment tas-sajd barrani jrid josserva jew jiġi suġġett għalihom bħala kundizzjoni biex juża l-portijiet fi ħdan l-Istat tal-Port. Dawn jinkludu n-notifika minn qabel tad-dħul fil-port, l-użu ta' portijiet indikati, restrizzjonijiet fuq id-dħul f'port u fuq l-iżbark tal-ħut, rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u spezzjonijiet fil-port, kif ukoll miżuri relatati bħalma huma l-elenkar tal-bastimenti IUU, miżuri relatati mal-kummerċ u sanzjonijiet.

## L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-OBBLIGU ĠDID TAL-IŻBARK

Mill-2014 'il hawn il-PKS bdiet tinkludi l-obbligu li l-qabdiet kollha jiġu żbarkati, biex b'hekk tintemm il-prattika tal-ħala fejn ħut kummerċjabbli jintrema lura fil-baħar. Dan l-obbligu beda progressivament fl-2015. Ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, emendat mir-Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 rigward l-obbligu tal-iżbark, jirregola għadd ta' miżuri tekniċi ta' konservazzjoni (kif u fejn is-sajjieda jistgħu jistadu, dettalji dwar it-tipi ta' rkaptu tas-sajd użati, iż-żoni magħluqa u miżuri oħra għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar). Ir-Regolament ta' Kontroll kurrenti jqis l-obbligu tal-iżbark, inklużi d-dispożizzjonijet li jirregolaw ir-rappurtar u l-ħażna tal-qabdiet, kif ukoll l-istabbiliment ta' regoli għall-użu ta' sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) u l-ġarr ta' osservaturi abbord biex jissorveljaw l-osservanza tar-regoli.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ilu koleġiżlatur fi ħdan il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (OLP) mindu ġie adottat it-Trattat ta' Lisbona, fejn qeda rwol ċentrali fid-definizzjoni tal-PKS u tar-Regolament dwar il-Kontroll tagħha.

Il-Kumitat għas-Sajd (PECH) tiegħu jiskrutinizza l-miżuri ta' kontroll u infurzar tal-politika, filwaqt li jikkunsidra li l-implimentazzjoni effikaċi u nondiskriminatorja tar-regoli trid tkun waħda mill-pilastri fundamentali tal-PKS; ir-rispett għar-regoli u approċċ koerenti għall-kontroll jikkostitwixxu l-aħjar mod biex l-interessi tas-settur tas-sajd jiġu protetti fit-tul. F'dan ir-rigward, filwaqt li rrikonoxxa l-eżistenza ta' differenzi sostanzjali fl-

applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll fl-Istati Membri, fil-25 ta' Ottubru 2016 il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-kontrolli fuq is-sajd fl-Ewropa. Fost ir-rakkomandazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw il-konformità mar-regolamenti tas-sajd u l-uniformità tal-prattiki ta' kontroll insibu: it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz tal-iskambji ta' spetturi, ta' metodi ta' kontroll u data; it-tisħiħ tal-mandat u tar-riżorsi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-EFCA; l-implimentazzjoni ta' kurrikulu uniformi għat-taħriġ tal-ispetturi tas-sajd; l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll u tas-sanzjonijiet fl-Unjoni; u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jirrilevaw l-aħjar prattiki sabiex tiżdied il-konformità. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għall-istabbiliment tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE.

Il-Parlament jeżamina wkoll ir-rapport annwali tal-EFCA u japprova l-kwittanza tal-baġit tagħha.

*Riċerka għall-Kumitat PECH:*

— Social and Economic Impact of the Penalty Point System (2016) (L-Impatt Soċjali u Ekonomiku tas-Sistema ta' Punti ta' Penalità (2016));

— The CFP – Infringement Procedures and Imposed Sanctions throughout the EU (2014) (Il-PKS – Proċeduri ta' Ksur u Sanzjonijiet Imposti madwar l-UE (2014));

— Illegal, Unreported and Unregulated Fishing: Sanctions in the EU (Is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat: Is-Sanzjonijiet fl-UE).

Priit Ojamaa
05/2019